**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA**

**8 ta' LULJU, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sur Ignatius Farrugia, s-Sinjura Rita Grima, Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Pierre Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻATI**

Il-Kunsillier is-Sur David Abdilla nforma lill-Kunsill li ma setgħax jattendi minħabba li jinsab ma jiflaħx. Dok 1 mehmuż.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**4.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

4.1.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa lis-Sindku jekk waqt il-laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar tkellimx fuq il-punt imqajjem fl-aħħar seduta, fejn il-Kunsill ippropona li fiż-Żurrieq ma jkunx hemm wardens wara s-19:30.

Is-Sindku qal li ser jitkellimha f'seduta tar-Reġjun li jmiss.

4.1.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li waqt li kien qed idur it-toroq fuq xogħol tal-Kunsill, innota li l-ħaxix li inqata' inġabar gżuż u ma tneħħiex.

Kien hemm qbil li jiġi nfurmat il-Kuntrattur biex jiġbor il-ħaxix maqtugħ immedjatament wara li jinqata'.

4.1.3 Ġew approvati l-minuti tat-tielet seduta.

*4.2 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U SOTTO KUMITATI*

4.2.1 Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numri 14.

4.2.2 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Anzjani u tas-Sotto kumitat Ambjent, indafa pubblika u drittijiet tal-annimali.

*4.3 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK*

4.3.1 Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numru 60 u l-minuti tar-Regjun nofsinhar numru 22.

*4.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*

4.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-korrispondenza li rċieva mil-Capitano ta' Borgo Maggiore. **Dok mehmuż no.2.**

Kien hemm qbil li d-dokument li ġie riċevut, jintbagħat lis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM.

.

4.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet talba għal mera on pole fi Triq il-Kanġu kantuniera ma' Triq Wied Babu.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

4.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li jinbidlu l-bankijiet li hemm fi Triq il-Wied – qabel ma taqbad in-niżla għall-Wied. L-orħos stima għall-bankijiet tal-ħadid u injam hi ta' 290Euro inc. Vat.

.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment li l-ġnien fi Triq in-Nigret k/m Isward Xuereb għandu bżonn

manutenzjoni kbira fl-uċugħ tal-bankijiet. L-istima miġbura mingħand l-istess kuntrattur li ħadem dan il-ġnien hi ta' 749.30Euro.
Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

*4.5* ***Proġett tal-Awtorita' tad-Djar - Manutenzjoni tal-Komun fil-Binjiet tal-Gvern***

4.5.1 Is-Sindku kellu laqgħa mal-Awtorita' tad-djar fejn ġie mfiehem fuq l-iskema ta' manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-gvern.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-iskema tinvolvi 35,000Euro għal manutenzjoni tal-komun tal-blokkok ta' binjiet tal-Gvern. Fiż-Żurrieq hemm 5 binjiet fin-Nigret u 2 f'Bubaqra. Is-Sindku ħa l-inizjattiva li jdur dawn il-binjiet biex isib familja li lesta tirrappreżenta lill-binja li tgħix fiha, imma mhux f'kull binja irnexxielu jikkonvinċi persuni. F'binja A fin-Nigret ma kienx hemm qbil ma din l-iskema, minħabba tilwiem bejn il-familji. Is-Sindku qal li ser ikun preżenti perit tal-awtorita' tad-djar waqt laqgħa li ser issir fil-binjiet u stieden lil min jista biex jattendi.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia ssuġġerixxa li ssir rampa fil-binjiet fejn hemm persuni b'diżabilita' biex ikunu aċċessibli għalihom.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

*4.6* ***Proġett viċin il-Mitħna tax-Xarolla***

4.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li hi flmkien mas-Sindku u l-Kunsillier Joseph D'Amato kellhom laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Safi. Ġie spjegat il-proġett li l-Kunsill taż-Żurrieq beħsiebu jagħmel viċin il-Mitħna. Is-Sindku s-Sur J Mula informa li ser iressaq is-suġġett fis-seduta tal-Kunsill Ħal Safi u jagħti feedback ta' dak li jkun maqbul.
Is-Sur Mula talab li l-Kunsill Lokali Safi jkun imniżżel fl-applikazzjonijiet ta' dan il-proġett.

Kien hemm qbil li fl-applikazzjonijiet li jsiru u din tal-Mepa tiġi emendata biex jiddaħal l-isem tal-Kunsill Ħal Safi ukoll. Il-Perit tal-Kunsill informa li persuna waħda

tista tkun responsabbli għall-proġett. Għalhekk kien hemm qbil li l-persuna responsabbli tibqa s-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Dan kollu għandu jkun infurmat bih il-Kunsill Lokali Ħal Safi biex il-Kunsill ikun jista jipproċedi bil-proġett maħsub.

***4.7*** ***Parkeġġ f'Misraħ Repubblika***

4.7.1 Il-Kunsillier David Abdilla flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' rappreżentant ta' Transport Malta fejn ġie diskuss dak li kien maqbul fl-aħħar seduta. Mill-ewwel impressjoni li ingħatat, TM mhux ser jagħtu permess biex ikun hemm parkeġġ ristrett bil-ħin.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna risposta uffiċċjali minn TM u wara jerġa jiddiskuti.

***4.8*** ***Miżbla ta' Wied Fulija***

4.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt laqgħa li hi flimkien mal-Kunsillier Kenneth Farrugia kellhom mal-Wasteserv, kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti l-opinjonijiet tiegħu fuq x'jista jsir minflok il-miżbla.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li waqt laqgħa li hi flimkien mal-Kunsillier Joseph D'Amato kellhom mal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta. Il-proposta hi li jekk il-Kunsill jaqbel li l-ex miżbla ta' Wied Fulija ssir camp site. Hi qalet li din il-proposta tista titressaq lill-Wasteserv biex flimkien mal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta , jibdew jaħdmu fuqha.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li l-Kunsill kellu jiċċekja mal-awtoritajiet jekk hemmx xi applikazzjoni biex fl-ex miżbla tal-Fulija isir solar farm. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Lands Department u lill-Mepa fir-rigward. Meta l-Kunsill ikollu risposta jkun jista jitkellem aktar fil-konkret.

***4.9*** ***Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi***

4.9.1 Is-Sindku qal li l-attivita li ttellgħet fi Sqallija, kienet suċċess u dawk li attendew xtaqu li jsiru aktar attivitajiet

simili. Il-Kunsill ħa 5Euro għal kull persuna li marret l-attivita'.

Is-Sindku qal li l-attivita' li jmiss ser tkun BBQ fis-Seabank Hotel fis-7 ta' Awwissu, għall-prezz ta' 23Euro bit-trasport b'kollox. Hu stieden lill-Kunsilliera biex jattendu.

4.9.2 Is-Sindku nforma li żewġ residenti Żrieraq, li bħalissa jinsabu fi stat ħażin ħafna ta' saħħa, għandhom bżonn yellow box quddiem ir-residenza tagħhom b'mod temporanju biex ikun faċli għalihom biex jipparkjaw meta jiġu mill-isptar.
Kien hemm qbil unanimu li jsiru dawn il-yellow boxes.

4.9.3 Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li nhar il-Ħadd, waqt l-attivita' tar-roti li saret minn Triq il-Belt Valletta, ġie fl-ewwel post is-Sur Wayne Spiteri. Dan sar iċ-champion ta' Malta. Hi qalet li attendiet għall-attivita' u tat xi ikel lill- kompetituri (b'mod personali). Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jirrikonoxxi l-unur li kiseb is-Sur Spiteri u jikteb ittra ta' awguri. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

4.9.4 Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li qed tħejji rapport ta' inizjattivi ta' għajnuna għall-persuni b'diżabilita'.
Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jsiru ranep fil-bankina ta' Triq il-Kbira, minħabba li kellu diversi talbiet.

4.9.5 Il-Viċi Sindku Rita Grima ressqet dawn l-ilmenti:

- issir yellow box quddiem pompa tal-ilma fi Triq P P Pullicino, biex ikunu jistgħu jsaqqu minnha.
- jinbidel kaptell fi Vjal il-Blue Grotto viċin il-grawnd tal-football.

Kien hemm qbil li issir l-ordni għax-xogħol

4.9.6 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard ressaq ilment minn residenti fi Triq l-Imqabba (Tal-Bebbux) biex issir bankina, minħabba li l-akwata hi perikoluża ħafna għar-residenti u għal dawk li jkunu għaddejjin mit-Triq. Hu wera' ritratt tas-sitwazzjoni.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li hu ilu jaf bil-każ, imma minħabba li għad irid jiġi mogħddi xi serviz lid-djar tal-akwata, l-bankina ma tistax issir. Hekk kif ikunu lesti s-servizzi kollha, jiġi ordnat ix-xogħol meħtieġ.

Il-Kunsillier J P Attard ser jikkomunika mar-residenti, u hekk kif jivverifikaw li s-servizzi kollha jinsabu mogħddija jinforma lill-Kunsill biex tinħareġ l-ordni għax-xogħol.

4.9.7 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ressqet ilment minn sidien ta' għalqa fi Sqaq Rik f'Ħal Far, fejn iridu lampi minħabba li l-akwata tinsab wisq mudlama.
Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-Enemalta tagħdi l-komunikazzjoni ta' dawn il-lampi u l-Kunsill ikun jista jagħmel il-lampi biss. L-ispiża ta' trinka hi kbira wisq biex jagħmilha l-Kunsill. Jekk l-Enemalta mhix lesta li tagħmel ix-xogħol tat-trinka, l-Kunsill iġib stima ta' lampa solari u jressaqha f'seduta oħra.

4.9.8 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li kellu ilmenti fuq bieb ta' kantina f'Misraħ Repubblika li jinsab dejjem miftuħ, bil-konsegwenza li jista jintuża għall-abbużi u li jitpoġġa l-iskart fih.

Kien hemm qbil li jsir rapport lis-Sanita' fuq dan il-każ.

4.9.9 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li fi Triq Matteolo Saliba hemm pole b'tabella tal-one way li qed tostakola l-bankina.
Kien hemm qbil li ssir l-ordni biex titressaq viċin il-ħajt.

4.9.10 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq is-servizz ħażin li qed tagħti l-kumpanija Wastecollection Ltd.
Hu ġiebed l-attenzjoni li:

- hemm ħafna ħmieġ fil-konki ta' Vjal il-Blue Grotto u s'issa għadu ma sarx ix-xogħol meħtieġ.
- Ġnien il-Bennej issaqqa fuq il-ħaxix ħażin minn ġol vann stess, minħabba li fil-van kien hemm ix-xufier biss.
- Meta tnaddaf Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa tħalla ħaxix ħażin u imbarazz fl-irkejjen (għalkemm ġibed l-attenzjoni dirett lill-ħaddiem)
- Fjuri staġjonali ma tara mkien, meta tqies li l-kuntrattur preċedenti ELC tant kien jissuplixxi fjuri li kien saħansitra jġib fl-uffiċċju tal-Kunsill biex jitqassmu lir-residenti.
- Il-pjanti ta' fejn is-Salib fi Triq il-kbria tnaddfu mill-ħaddiema tal-IPSL għax kienu fi stat diżastruż.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li x-xogħol tal-imsemmija kumpanija tqajjem ukoll fis-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fejn inħarġu żewġ default notices.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kumpanija talbet lill-Kunsill iħallas għall-fjuri staġjonali li tħawlu f'Mejju fi Triq San Martin, imma hi ma mxietx mal-

kuntratt billi ma ħawlitx fjuri staġjonali f'Ġunju. Hu ssuġġerixxa li l-istess ammont li tħallas għal-fjuri f'Mejju, jinqatgħu mill-kont ta' Ġunju, minħabba n-nuqqas ta' servizz.
Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

Kien hemm qbil unanimu li tinħareġ default notice f'isem il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, minħabba l-punti mqajma.

F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Dino Bonnici ( 19:30)

4.9.11 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu jiddeplora l-mod kif impjegat mill-kumpanija Wastecollection Ltd kellem lis-Segretarju Eżekuttiv.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb ittra formali lill-Kumpanija u jwissi li jekk xi membru mill-kumpanija jkellem ħażin lil xi membru jew impjegat tal-Kunsill, il-Kunsill ikun lest li jittermina l-kuntratt tiegħu mal-kumpanija.

4.9.12 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li persuna għamlet bankina hi minn rajha fi Triq k/m Wesgħa Franġisk Bugeja.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-bankina saret tajjeb ħlief għal-kantuniera. Hu żied jgħid li ħafna mir-residenti tal-akwata għamlu l-bankina huma. Dawn ħarġu fondi minn tagħhom u frankawhom lill-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ma jaqbilx li l-Kunsill għandu jneħħi tali bankina imma ssuġġerixxa li jirranġa il-kantuniera tagħha.

Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil ukoll li tinżabar tina li qed tostakola t-triq.

4.9.13 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq dawn is-suġġerimenti:

- fi Triq it-Tunnara persuna tefgħat konkos fuq il-bankina li qed tostakolha lill min jużha. Kien hemm qbil li jsir rapport lill-pulizija.
- Isiru tabbelli ta' speed limit fi Vjal l-Indipendenza. Ma kinex hemm qbil li jintefqu fondi meta ma jkunx hemm minn jissorvelja l-każijiet ta' sewqan aċċessiv u meta kull min għandu liċenzja jaf li s-sewqan f'postijiet residenzjali m'għandux ikun aktar min 35km/hr.
- Qed isir bini ta' kumpless fi Triq Fra Gan Marie Zammit u skond il-Mepa dan is-sit irid ikollu parti għall-faċilitajiet tal-komunita'. Il-

Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jistaqsi lill-Mepa x'tip ta' faċilita' jista jkun hemm. Il-permess għandu numru PA01965/15. Kien hemm qbil li l-Kunsillier J P Attard jiċċekja l-każ.

- It-torri tal-Wardija jinsab fi stat diżastruż. Għalkemm f'leġislazzjonijiet preċedenti l-Kunsill kien kiteb lid-Dipartiment tal-Artijiet u ġie nfurmat li s-sit m'għandux titlu, xorta għadu jiġi okkupat. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Heritage Malta biex tipprova tirrestawrah u waqt il-laqgħa li l-Kunsill ser ikollu mal-Onorevoli Michael Falzon jiġi diskuss il-każ.

4.9.14 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:

- Iż-Żurrieq FC Nursery flimien mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, għal darb oħra ser jorganizzaw maratona tal-football fl-iskola primarja bejn l-aħħar ta' Lulju u t-2 ta' Awwissu. Hu nforma li ġabar sponsor mingħand Coca Cola u qed jitlob lill-Kunsill jixtri t-trophy li titqassam mis-Sindku fl-aħħar tal-Maratona. Kien hemm qbil fuq dan.
- Iż-Żurrieq FC qablu mal-kuntratt tal-Kunsill u talbu li jekk ikun possibli l-ammont dovut isir darba fis-sena u mhux jinqasam fi tnejn. Kien hemm qbil fuq dan.
- Fir-rigward ta' talba li għaqda b'membri żrieraq għamlet fil-ġimgħat li għaddew li li tagħha ġiet iċċirkulata email, fejn talbet li l-Kunsill jixtri trofew għall-attivita' li jinġabru fondi għall-Kenya, jħoss li l-Kunsill kellu jaqbel ma' din l-inizjattiva. Hu qal li hu personali ħallas għat-trofew u ppreżentaħ lill-parteċipanti.
- Informa li l-membri tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ iltaqgħu u fi ftit ġranet oħra ser jiltaqgħu ukoll mal-Aġenzija Żgħażagħ.
- Talab biex jinġabru aktar stimi ta' gym equipment għall-ġol ġonna pubbliċi.
- Il-bring in site ta' Triq il-Barrieri mhux tintuża tajjeb

4.9.15 Is-Segretarju Eekuttiv infurmat li l-Kunsillier David Abdilla ġibdilha l-attenzjoni biex f'din is-seduta tinforma lill-Kunsill li min]abba li fi ġnien Mario Schembri xorta qed jidħlu jilgħabu bir-roti u blalen, inġabret stima biex isir *spring rider* f'nofs il-ġnien.

Kien hemm qbil li meta jinġabru l-istima tal-*gym equipment*, jerġa jiġi diskuss dan il-punt.

4.9.16 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-Kunsill jeħtieġ li jagħmel rapport lill-Mepa, minħabba persuna qed tħammel triq u tordom il-blat, viċin il-kamra tan-nar tal-Madonna tal-Karmnu. Kien hemm qbil fuq dan.

4.9.17 Il-Kunsillier Pierre Farrugia informa li hemm bżonn li l-Kunsill jieħu ħsieb il-proġett ta' Ħal Millieri:

- manutenzjoni tal-bankijiet
- qtugħ ta' ħaxix

Kien hemm qbil li l-Kunsill iqabbad lill-ħaddiema tal-IPSL biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

4.9.18 Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab li jsir bank ieħor fi Triq Bur Langasa bħal dawk eżistenti.
Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

## *4.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*

4.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **€135,387.33.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis- Sindku Ignatius Farrugia u mil-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Pierre Farrugia.

## *4.11 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*

4.11.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 12ta' Awwissu, 2015 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ______ ta' Awwissu, 2015.

Ignatius Farrugia — Josianne Cilia Mumford
**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**